**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 79**

**Data:** **8 ta' Awwissu, 2018**

**Hin:** **12.23pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

Anthony Camilleri informa lill-Kunsill li kien jinsab indispost u ghaldaqstant ma setghax jattendi ghal-laqgha. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

---

**AGENDA**

79.1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-76, 77 u 78 laqgha tal-Kunsill

79.2 Monument ta' zmien il-Gwerra

79.3 Jum l-Gharb

79.4 Car Free Day

79.5 Xogholijiet fl-Isqaqien

79.6 Xogholijiet ta' tarmak

79.7 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali

79.8 Skeda ta' Pagamenti

79.9 Korrispondenza u materji ohra

79.10 Aggornament

---

## 79.1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-76, 77 u 78 laqgha tal-Kunsill

78.1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

78.1.2 Is-Sindku nforma lill-membri li resident minn Triq Trux kien qieghed jistenna sabiex jidhol ghal-laqgha biex jiddiskuti dwar il-problema ta' l-ilma tal-parti t'isfel tat-triq. L-istess resident kien qed jitlob ukoll li jsir *gutter* iehor li jaqsam it-triq. Saret diskussjoni fejn gie innotat li jekk isir *gutter* min-naha sa l-ohra tat-triq dan jista' jsir meta tinghalaq it-triq waqt ix-xogholijiet tal-progett M4.3 pero' wiehed irid jinnota ukoll li l-pipijiet li saru qatt ma kienu mahsuba sabiex jilqghu l-ilma tat-triq kollha fihom u ghaldaqstant dan jista' jikkreja problemi lil residenti ohra. Fuq din in-nota kienet giet migbuda l-attenzjoni lil istess resident li f'kaz li l-Kunsill jccetta li jaghmel dan l-sprall l-istess resident kellu jidhol responsabbli li jinholqu problemi li xi residenti jekk ifuru bl-ilma. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie diskuss il-possibilita' li jsiru aktar *gutters* iktar 'il fuq pero' tista' tkun ta' problema ghar-residenti ohra li bhalissa jidhru li huma kuntenti kif inhuma u apparti minn hekk seta' jkun hemm problemi peress li l-girien gie li kellhom problemi bejniethom u ghaldaqstant hadd ma jkun irid *gutter* quddiem id-dar tieghu.

12.37 Issejah ir-resident ghal-laqgha.

Is-Sindku stieden lir-resident sabiex jitkellem dwar il- problema tieghu. Gie spjegat li huwa ghandu problema ta' l-ilma quddiem ir-residenza tieghu fejn meta taghmel hafna xita huwa jkollu problemi sabiex jidhol jew johrog mir-residenza tieghu. Huwa staqsa jekk huwiex possibli li tigi livellata t-triq fejn l-ilma jmur fuq il-genb l-iehor jew ghal nofs it-triq. Is-Sindku spjega li meta saret it-triq, il-livelli tat-triq baqghu l-istess bhal ma kienu u dan jixdhu l-marki tat-tqaxxir mall-hajt. L-unika differenza kienet biss li qabel peress li wicc it-triq ma kienx f'kundizzjoni tajba l-ilma kien imur kullimkien. Kien spjegat li tista' tinholoq problema lir-residenti ohra u jfuru jekk isir xi *gutter* imqabbad mall-pipes ezistenti. Gie spjegat ukoll li l-*culvert* tat-triq kien dejjem hemm ghad-djar u mhux ghall-ilma tat-triq. Is-Sindku stieden lir-resident jaghti proposti ohra sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwahom u jara x'jista' jsir pero' wiehed irid ukoll jiftakar li jekk issir xi hsara lir-residenti ohra xi hadd irid jinzamm responsabbli. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li jekk isiru xi xogholijiet huwa jrid jiffirma li huwa responsabbli taghhom f'kaz ta' danni. Ir-resident issugerixxa li jsiru

*sleeping policeman* li tkun qeghda tghin biex l-ilma ma jmurx quddiem id-dar tieghu u fl-istess waqt telimina problema ta' *overspeeding* f'din iz-zona. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal dawn mat-Transport Malta u naraw jekk jigux approvati.

Fuq nota ohra, l-istess resident talab ukoll jista' jsir *disabled parking*. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill ghandux japplika ghal dan il-parkegg aktar 'il fuq fit-triq tkunx sewwa u gibed l-attenzjoni tieghu ukoll li *disabled* jista' jipparkja kull min ghandu l-permess tal-blue sticker. Ir-resident ikkonferma dan. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika mat-Transport Malta b'din it-talba.

Ir-resident irringrazzja lill-Kunsill u hareg mill-kamra tal-laqgha fis-12.51pm.

**79.2 Monument ta' Zmien il-Gwerra**

78.2.1 Saret diskussjoni dwar il-monument ta' zmien il-gwerra li huwa propost li jsir fiz-zona ta' Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel li dan il-monument jsir fejn il-*bus shelter*. Is-Sindku wera' disinn ta' monument lill-membri fejn tinkludi stawa ta' suldat identika ghal Guzeppi Cauchi (Tan-Neriku) wiehed miz-zewg vittmi ta' zmien t-tieni gwerra dinjija. Il-vittma' l-ohra Kalang Mizzi, ma kienx instab ebda' ritratt tieghu. Kunsill qabel ma' dan id-disinn u qabel ukoll li dan il-monument jigi inawgurat fil-25 ta' Novembru.

**79.3 Jum l-Gharb**

79.3.1 Saret disskusjoni dwar is-serata ta' Jum l-Gharb fejn is-Sindku spjega li Jum l-Gharb din is-sena ser ikun l-Erbgha pero' l-Ministru ghal Ghawdex jista' jkun li ma tkunx tista' tigi. Gie ghalhekk issugerit sabiex jekk il-Ministru ma tkunx tista' tattendi l-attivita' ssir il-Hadd 26 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Erbgha ssir attivita' ghat-tfal u ohra ghall-anzjani. Ghat-tfal issir harga bit-train, film gewwa c-cinema Citadel u wara jiehdu *packed lunch* fit-Cittadella. Ghall-anzjani tista' ssir quddiema fil-Knisja u wara harga u ikla ta' nofsinhar f'Marsalforn gew x'imkien simili. Sar suggeriment ukoll sabiex din issir fil-kazin tal-Banda t'Ghajnsielem. Dan jiddependi minn x'hiex ikun hemm disponibbli. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li f'kaz li Jum l-Gharb ma jsirx fil-gurnata u ghaldaqstant issir il-Quddiesa biss wara t-tqeghid ta' fjuri tista' ssir get together ma' l-ghaqidet tal-lokalita' jew fic-Centru Parorkkjali jew fil-kazin tal-Banda. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

79.3.2 Gew prezentati n-nominazzjonijiet li waslu minghand l-ghaqdiet ta' Jum l-Gharb.

Premju Gharb – Ghal dan il-premju gew nominati Manuel Cauchi, Joseph Cauchi (President tal-futbol) u Arcipriet Joseph Sultana. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jaghtu n-nominazzjonijiet taghhom ukoll. Huwa ssugerixxa li peress li din is-sena tahbat il-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali jkun xieraq li dan il-premju jinghata li l-ewwel tlett Sindki li fformaw parti mil-ewwel legislazzjoni tal-Kunsill li kienu Louis Apap, Maurice Cauchi u Alfred Cauchi. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

Premju Qlub Generuzi – Ghal dan il-premju gew nominati il-Familja Cassar. Il-Kunsilliera issuggerew lil Michael Agius, Guza Azzopardi, Marianne Micallef u Elizabeth Farrugia. Il-Kunsill qabel li dan il-Premju ghandu jinghata lil Elizabeth Farrugia.

Premju Volontarjat Lokali – Ghal dan il-premju gew nominati Eugenio Portelli, Mario Saliba, Monica Zerafa, Matthew Theuma kif ukoll Clive Rotin u Gordon Portelli (flimkien). Il-Kunsill qabel li dan il-Premju ghandu jinghata lil Eugenio Portelli.

The Gharb Gozitan Cultural Award – Ghal dan il-premju gew nominati Charles Buttigieg u Natalie Sciortino. Il-Kunsill qabel li dan il-Premju ghandu jinghata lil Charles Buttigieg f' kaz li jinsab Malta.

## 79.4 Car Free Day

79.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-applikazzjoni ghal Car Free Day giet milqugha. Gie spjegat li l-program ser jinkludi fih ukoll Al Fresco bhas-sena l-ohra, robotech ghat-tfal li jsir bil-kollaborazzjoni tal-creativity hub, segway tours u hafna ohrajn inkluz il-lotterija tar-rota ta' l-elettriku. Is-Sindku spjega ukoll li ghandha ssir survery maz-zghzagh bejn 16-18 dwar l-uzu ta' muturi li jahdmu bl-elettriku. Fuq dan il-punt Emanuel Muscat qal li t-Transport Malta mhux qed tohrog permessi ghar-roti li jkollhom mutur. Huwa ssugerixxa sabiex il-Kunsill jara fuq dan il-punt jistax isir xi haga. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir il-program propost.

## 79.5 Xogholijiet fl-Isqaqien

79.5.1 Is-Sindku qal li issa jmiss li jinbeda x-xoghol fl-isqaq fi Triq Frangisk Portelli ma genb l-ispizerija. Gie propost li tintuza l-istess offerta' li l-Kunsill ghandu mas-Sur Peter Paul Said fejn il-handyman tal-Kunsill jaghmlu resurfacing tieghu. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

## 79.6 Xogholijiet ta' Tarmak

79.6.1 Apparti dan il-Kunsill irid ikompli x-xogholijiet fi Triq Virtu' u Triq Dun Alwig Mizzi li jonqoshom it-tieni layer tat-tarmak. Is-Sindku spjega li huwa kien iddiskuta' mall-Perit sabiex jinhareg il-kont ta' Triq Virtu' u ra l-possibilita' sabiex issir il-parti tat-triq mill-Wied ta' Jodros sakemm tibda' l-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba.

Is-Sindku qal ukoll li sadanittant il-Kunsill kien applika sabiex isiru aktar toroq gewwa l-lokalita'. Min-naha l-ohra il-Kunsill irid jehles ix-xogholijiet ta' Triq Tumas Cassar sa l-ahhar tas-sena. Fir-rigward ta' Triq Dun Alwig Mizzi gie spjegat li m'hemmx problemi u ghaldaqstant mhux suppost li x-xogholijiet jiehdu fit-tul f'din l-isemmija triq.

Emanuel Muscat qal li fi Triq il-Gdida fi Triq Sdieri xi residenti kienu qed jitolbu biex in-naha ta' wara fejn hemm tela' bic-cement huwiex possibli li jsir xi tarag peress li huwa perikoluz biex wiehed jinzel / jitla'. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi evalwata l-possiblita' li jsir tarag.

## 79.7 Cirkularijiet tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

79.7.1 Cirkulari Numru 7/2018 – Regolament Generali dwar il-Protezzjoni tad-Data (il-GDPR) vis-a-vis id-dettalji ta' cittadini fil-minuti tal-laqghat. Din ic-cirkulari giet spjegata lill-membri tal-Kunsill.

79.7.2 Cirkulari Numru 8/2018 – Premju Gieh l-Artigjant Malti 2018.

79.7.2 Cikrulari Numru 9/2018 – Skema Finanzjaraja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali Regjonali. Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-proposta tieghu.

## 79.8 Skeda ta' Pagamenti

79.8.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

## 79.9 Korrispondenza u Materji ohra

79.9.1 Is-Sindku informa lill-membri li kellu laqgha mas-Sur Conrad Callus fir-rigward tal-Creativity Hub. Gie spjegat li sakemm ghandhom isiru arrangamenti biex jigi imwaqqaf il-creativity hub tista' tintuza zona bhal librerija jew fil-board room tal-berga biex jibda' jopera' dan ic-centru. Sadantittant is-Sindku spjega li huwa ghandu laqgha mall-principal ghada filghodu biex jigi diskuss l-MOU. Il-pjan attwali huwa li jsir gym ghat-tfal, board room u Creativity hub. Peress li issa z-zmien huwa limitat irridu naraw jekk dan jista' jsir mal-iskola jew le. Is-Sindku

kompla jispjega li l-pjanijiet kienu li x-xogholijiet jibdew fil-1 ta' Lulju pero' l-MOU kien ghadu mhux lest sa dakinhar. Apparti dan is-Sindku zied jghid li l-FTS kellha xi problemi u qed tipprepara program gdid. Ix-xoghol fl-iskola ta' l-Gharb kellu jsir madwar sitt snin ilu pero' issa bil-pjan li ghandhom sabiex tinbena' l-iskola l-gdida fir-Rabat – Ghawdex din saret prijorita'. Is-Sindku ippopona li issir talba ghall-haddiema mill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex isiru x-xogholijiet u jigu modernizzati l-klassijiet fl-iskola bl-inqas spejjez. Huwa zied jghid li sadanittant jista' jinbeda' x-xoghol fuq il-gym li fih jinkludi rrangar tal-hitan u tqeghid ta' safety tiles apparti x-xoghol fuq id-dawl u l-ilma li huwa l-iktar xoghol li jiswa' l-flus. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u sabiex jibda' jopera l-creativity hub minn gewwa l-librerija.

79.9.2 Is-Sindku spjega li c-child care centre ghandu bzonn ta' upgrade sabiex jigi up to standard. Gie spjegat li aktar kmieni saret ukoll inspection min-naha ta' l-Edukazzjoni u dawn talbu sabiex isir l-upgrade mill-iktar fis possibli.

79.9.3 Korrispondenza minghand il-CRPD fir-rigward tar-Rapport Annwali 2017.

79.9.4 Korrispondenza minghand l-Universita ta' Malta dwar korsijiet fil-kampus ta' Ghawdex.

79.9.5 Korrispondenza minghand l-Ombudsman fir-rigward tar-Rapport Annwali 2017.

79.9.6 Is-Sindku fakkar lill-membri li bejn il-21 u 25 ta' Awwissu, 2018 il-Kunsill ser ikun qieghed fuq it-tielet zjara tan-Network tal-Gemellagg filwaqt li bejn il-15 u 18 ta' Awwissu ser tkun qeghda ssir l-Infiorata gewwa Brussels. Dawn ser ikunu segwiti bi zjara ohra tal-gemellagg f'Novembru bejn l-1-4 ta' Novembru gewwa l-Portugal.

**78.8 Aggornament**

75.9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 12 ta' Settembru fin-12.30am.

75.9.2 Il-laqgha spiccat fl-2.23pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |